**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 485/2016**

**GM ('l-ilmentatrici')**

**vs**

**MFSP Financial Management Ltd.**

**(C42720) ('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tat-13 ta' Marzu 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn l-ilmentatrici bazikament tghid:**

Illi l-provditur tas-servizz kien investielha s-somma ta' GBP50,000 fl-*LM Managed Performance Fund* (*LM* jew *LMMPF*). L-ahhar investiment tal-ilmentatrici fl-*LMMPF,* li immatura fit-18 ta' Jannar 2013, ma thallasx lura. L-unika pagament fuq l-investiment li sar fl-*LMMPF* ta' Jannar 2012, kienu interessi ghall-ammont ta' GBP1,470.96, ghall-perjodu li ghalaq fid-19 ta' Lulju 2012, hekk kif rifless fl-*Interest Payment Advice* mahrug mill-provditur tas-servizz.[1] L-investiment fl-*LMMPF* illum huwa sospiz u taht likwidazzjoni. Hekk kif gie deskritt f'pagna 25, fid-dokument tal-ilment lill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji, '*LMMPF …hija falluta kompletament b'anqas minn 5% mistennija li jigu rkuprati*'.[2] L-ilment ghalhekk jirrigwarda t-telf ta' kapital ta' GBP50,000 u d-dhul minnu.

L-*LMMPF* ma kellux jigi mibjugh lill-ilmentatrici ghax ma kienx prodott *suitable* jew *appropriate*[3] u li kien hemm diversi nuqqasijiet min-naha tal-provditur tas-

[1] Fol. 78
[2] Fol. 27
[3] Fol. 6

servizz li ma agixxiex fl-ahjar interess tal-ilmentatrici. Il-punti pertinenti li tqajmu huma dawn li gejjin:[4]

a) Gie allegat li s-servizz kien wiehed ta' '*Investment Advice*' u mhux ta' '*Promotion and Selling*' hekk kif sostnut mill-provditur tas-servizz;

b) Li l-investiment li sar qabel dak fl-*LMMPF*, jigifieri fl-*ARM* ukoll ma kellux jinbiegh mill-provditur tas-servizz lill-ilmentatrici peress li ma kienx addattat u dan anke b'referenza ghall-komunikazzjonijiet li harget l-*MFSA* lill-provditur tas-servizz;

c) Li l-investiment fl-*LMMPF* ma kienx jirrifletti l-*loss absorption capacity* tal-ilmentatrici, bhala anzjana ta' 63 sena, separata u bla ebda sors ta' dhul;

d) Li l-ilmentatrici ma nghatat l-ebda kopja ta' dokumenti ffirmati minkejja anke r-rikjesta taghha;

e) Li l-provditur tas-servizz kien materjalment zbaljat fuq certu aspetti tal-ilmentatrici, bhal li mhux veru li kellha investimenti mal-*BOV* izda kellha biss il-*Barclays Sterling Bond Fund*; li mhux veru li qabel ma rtirat kienet *teacher*, hekk kif il-provditur tas-servizz ghamel referenza fl-ittra tieghu lill-ilmentatrici datata 3 ta' Mejju 2016, u lanqas li kellha l-esperjenza kkwotata fuq *direct bonds/bond funds* bl-istess frekwenza ikkwotata mill-provditur tas-servizz;

f) Gie wkoll irrimarkat li l-ilmentatrici ma nghatatx dettal ta' remunerazzjoni jew kummissjoni li ircieva l-provditur tas-servizz mit-tranzazzjoni fuq l-investimenti tal-ilmentatrici hekk kif rikjest mir-regoli;

g) Li l-provditur tas-servizz m'ghandux evidenza dokumentarja li l-ilmentatrici ghandha esperjenza u gharfien fuq prodotti kumplessi jew prodotti simili tal-*LMMPF* peress li l-ilmentatrici qatt ma kienet ghamlet tranzazzjonijiet f'investimenti simili u li la *Suitability Test* (li fl-opinjoni tal-avukati/konsulenti tal-ilmentatrici kellu jsir ghax dan ma

[4] Fol. 6-29

kienx kaz ta' *execution only/promote & sell*) u lanqas l-*Appropriateness Test* ma sar b'ghaqal u onestà;

h) Li l-*LMMPF* huwa prodott kumpless u ta' riskju gholi intiz ghal '*accredited, sophisticated or professional investors*';

i) Gie allegat li kien hemm digà indikazzjonijiet negattivi fuq il-fond u li kieku sar *due diligence* sew ma kienx ikun prodott li jigi ikkunsidrat ghal *retail investors*. F'dan ir-rigward, gie ddikjarat li sa mill-2009, il-fond kien qed ihallas l-investituri b'hafna dewmien (ta' anke 18-il xahar) u li fl-2012, bdew jirrezenjaw diretturi minghajr spjegazzjonijiet u li fl-industrija kien digà hemm suspetti li l-fond qed jintuza bhal speci ta' *Ponzi Scheme*. Gie spjegat li kieku wiehed kellu jezamina l-*Audited Financial Statements* bhala parti mid-*due diligence,* kien jara li l-*LMMPF* kien primarjament f'self u finanzjament fis-settur tal-proprjetà lil kumpaniji relatati mal-grupp tal-*Manager* tal-fond stess;

j) Li certu dikjarazzjonijiet ittiehdu minghand l-ilmentatrici bla ma nqrawlha u bla spjega u mhumiex veritjieri.

Ghalhekk gie allegat li l-provditur tas-servizz ipprovda parir biex l-ilmentatrici tinvesti f'investiment kumpless b'riskju gholi li ma kienx *appropriate* u lanqas ma kien *suitable* ghac-cirkostanzi u l-attitudni ta' riskju taghha, u ma kienx kompatibbli mac-cirkostanzi personali u objettivi kif ukoll l-esperjenza u taghrif ta' investimenti taghha, fejn l-ilmentatrici ma kienitx f'pozizzjoni li tifhem u tapprezza r-riskji u dan meta kien hemm diversi nuqqasijiet ohra, bhal nuqqas li jigu pprovduti kopji ta' *File Notes* u *Confidential Client Fact Find*, *Appropriateness Test*, *Experienced Investor Declaration* u dokumenti ohra;[5] nuqqas ta' rendikont tal-kummissjoni u remunerazzjoni li l-provditur tas-servizz kien qieghed jircievi; nuqqas ta' spjega tar-riskji assocjati ma' investimenti bhal dawk fl-*ARM* u *LMMPF*; approfittar minn nuqqas ta' esperjenza tal-ilmentatrici meta ittihditilha l-firma fuq dokumenti minghajr ma dawn gew spjegati jew moqrija lilha.

Qieghed jintalab fosthom biex l-Arbitru jiddikjara li l-provditur tas-servizz huwa hati ta' *investment misselling* u l-ilmentatrici tigi integrata fil-pozizzjoni finanzjarja precedenti ghall-investiment *LMMPF* billi jigi restitwit il-kapital

[5] Fol. 31/32 Dokument datat 22 ta' Settembru 2016.

originali investit ta’ GBP50,000 flimkien mal-imghax ta’ 4.5% mid-data tal-investiment sad-data ta’ din id-decizjoni.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn jghid:**

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-“**Arbitru**”) m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi l-ilmentatrici, permezz tal-protest gudizzjarju numru 147/2016, hawn anness u mmarkata bhala Dokument MFSP 1, issottomettiet ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 21(2)(a) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta (l-“Att”), liema Att jirrikonoxxi l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin u jiddisponi Ii l-Arbitru ghandu jirrifjuta milli jezercita s-setghat tieghu meta ‘*l-imgiba li jkun sar l-ilment dwarha hi jew kienet soggetta ghal kawza quddiem qorti jew tribunal mibdija mill-istess persuna li tkun qed taghmel l-ilment*’ u, ghalhekk, l-Arbitru ghandu jiddeciedi Ii jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment;

2. Illi preliminarjament, l-azzjoni mehuda permezz tal-Ilment waqghet bi preskrizzjoni skont l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, GM tibbaza l-Ilment taghha fuq il-fatt illi hija riedet investiment *'low risk'* Ii jaghti interessi gholja peress illi *'hija tmantni ruhha grazzi ghall-assistenza ta' uliedha Ii jiehdu hsieb li jzommuha fl-ahjar kundizzjoni ta' hajja possibbli'*. Filwaqt illi s-Socjetà Esponenti taghmilha cara illi kienet hi Ii iddecidiet illi tinvesti flusha f'investimenti mas-Socjetà Esponenti u kienet hi li riedet imghax oghla minn dak li kienu qeghdin joffru l-banek lokali, u kienet hi Ii riedet tinvesti flusha f’investiment iktar riskjuz minn dak ta' kont bankarju biex irendilha iktar flus fl-inqas zmien, is-Socjetà Esponenti ma taqbel assolutament xejn mal-allegazzjonijet maghmula f'dan l-Ilment. Is-Sinjura GM kienet giet infurmata b'diversi strumenti ta' investimenti u giet infurmata wkoll, u mhux darba biss imma diversi drabi kif ser jigi ampjament ippruvat, illi l-investimenti qatt m'huma ta' kapital garantit u kemm id-dhul kif ukoll il-kapital f’tali investimenti jistghu jvarjaw, u wara

li hija giet avzata bir-riskju inerenti f'investiment bhal dan u l-istrutturi ta' remunerazzjoni, l-Ilmentatrici ghazlet hi li tinvesti fil-fond fis-sena 2010, li fuqu issa qieghda tressaq l-Ilment;

4. Illi huwa evidenti Ii I-Ilmentatrici qieghda tibbaza l-Ilment taghha fuq l-allegazzjoni li s-Socjetà Esponenti hajritha tinvesti f'investiment Ii ma kienx kif xtaqet jew kif talbet. Hija xtaqet Ii l-investiment kien *'low risk'* u Ii dan jaghtiha imghax regolari. Illi l-pozizzjoni tas-Socjetà Esponenti dwar din l-allegazzjoni hija s-segwenti:

    i. Is-Socjetà Esponenti qatt ma naqset mill-obbligazzjonijiet taghha fil-konfront tal-Ilmentatrici anzi kienu dejjem strumentali sabiex l-Ilmentatrici ultimament gawdiet mir-relazzjoni taghha mas-Socjetà Esponenti kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' din il-kawza. Fil-fatt, jinghad anke mill-Ilmentatrici stess illi hija kienet ga investiet (*f'bond* ta' *investment grade* u *funds* internazzjonali) u, ghalhekk, kienet taf u kienet tifhem xi jfisser riskju u Ii l-kapital qatt ma seta' jkun garantit. Dan kienet tafu. Kienet taf ezattament kif kien jinhadem is-suq.

    ii. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezz-jonijiet, l-Ilmentatrici tibbaza l-Ilment fuq l-idonjetà taghha biex tissottoskrivi ghall-investiment mertu ta' dan il-kaz. Is-Socjetà Esponenti ma taqbilx ma' dan il-fatt ghaliex, fil-fatt, kien idoneju tant Ii hija accettat diversi dikjarazzjonijiet f'dan is-sens.

    iii. Illi d-dannu jew telf Ii garrbet l-Ilmentatrici, jekk sehh, sehh totalment bhala rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom assolutament ma kellhom jew ma seta' jkollhom l-ebda kontroll is-Socjetà Esponenti u dan ser jigi ampjament ippruvat.

    iv. Illi huwa dejjem dispjacir meta investiment jinzel fil-valur, wisq izjed meta jmur hazin bhalma gara f'dan il-kaz. Izda b'daqshekk ma jfissirx Ii l-intermedjarju ghandu xi htija jew b'xi mod ghandu jaghmel tajjeb ghal kwalunkwe telf (ovvjament ma jgawdix minn zidiet fil-valur) kif qed tipprova taghmel l-Ilmentatrici b'dan l-Ilment. Dan l-agir jippresupponi garanzija fil-forma ta' dak Ii

jissejjah *moral hazard* inkombenti fuq l-intermedjarju favur l-investitur li la ma huwa gust u lanqas ma jezisti fil-Iigi. Huwa evidenti li l-Ilmentatrici Ii minghajr dubbju inghatat l-informazzjoni u spjegazzjoni tal-investiment qabel ma nvestiet, taf Ii m'ghandhiex rimedju ovvju kontra s-Socjetà Esponenti. Ghalhekk qed tibbaza I-Ilment taghha fuq l-allegazzjoni Ii s-Socjetà Esponenti hajritha biex tinvesti fl-investiment *LM Managed Performance Fund* ("*LM*") Ii kienet ilha ghaddejja minn diffikultajiet minn qabel l-2010 (u, cioè, minn qabel ma effettivament hija issottoskrittiet ghall-investiment li issa qed tilmenta dwaru). Dan mhux minnu u l-pozizzjoni tas-Socjetà Esponenti dwar din l-allegazzjoni hija s-segwenti:

(1) Din l-allegazzjoni hija bbazata fuq pubblikazzjonijiet **WARA** c-cirkolari tal-24 ta' Marzu 2013, lill-investituri mahruga minn *FTI Consulting* Ii kienu appuntati amministraturi tal-istess kumpanija u, ghalhekk, kienu spekulazzjonijiet maghmula bl-ghaqal miksub b'Iura, jew kif jghidu bl-Ingliz, "*with the benefit of hindsight*", u bit-Taljan, "*col senno del poi*";

(2) Kemm qabel, kif ukoll wara Ii sar l-investiment lanjat u, cioè, bejn Gunju 2010 sa Novembru 2011, kien hemm diversi invesituri Ii nvestew tramite s-Socjetà Esponenti li hadu flushom lura minghajr problemi wara li mmatura l-investiment taghhom. Tant hu hekk Ii direttur tas-Socjetà Esponenti stess investa EUR7,000 fl-*LM Managed Performance Fund* fis-17 ta' Dicembru 2011;

(3) Kien biss fi Frar tal-2012, Ii s-Socjetà Esponenti bdiet tesperjenza xi dewmien u minkejja l-ispjegazzjonijiet u l-assikurazzjonijiet mill-kumpanija *LM Investment Management Limited*, minn dak iz-zmien is-Socjetà Esponenti ma baqghetx tinforma Iill-klijenti taghha bl-istrumenti ta' investiment mahruga mill-istess kumpanija;

5. Illi ghalhekk, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez ghaliex:

   i. F'kull waqt, is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest u mistenni minnha mill-qafas regolatorju applikabbli u skont I-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-Iigi, kif jista', jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz u

ii. Kwalunkwe telf li garrab l-investiment mertu tal-Ilment, kien rizultat ta' *Credit Risk* inerenti fl-istess investiment li kien perfettament idoneju ghall-investitur;

iii. Ma tezisti u l-anqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jitlhallas lura l-kapital wara li jimmatura ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

iv. Salv eccezzjonijet ulterjuri.

6. Illi, fl-ahhar nett, qieghed jigi sottomess li ma hemmx rimedju ghall-Ilment kif imressaq billi dan mhux gustifikat.

**Sema' x-xhieda,**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet preliminari:**

Il-provditur tas-servizz jeccepixxi li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni jisma' dan il-kaz ghaliex kien sar protest gudizzjarju fil-Qorti.

Din l-eccezzjoni hija wahda frivola ghaliex harsa hafifa lejn il-KAP. 555, Artikolu 21(2)(a) turi car li l-Arbitru ma jkollux kompetenza meta:

'*L-imgiba li jkun sar l-ilment dwarha hi jew kienet soggetta ghal kawza quddiem qorti jew tribunal mibdija mill-istess persuna li tkun qed taghmel l-ilment u li tkun dwar l-istess mertu'.*

Protest gudizzjarju mhuwiex kawza quddiem Qorti jew Tribunal u, ghalhekk, jidher car li din l-eccezzjoni hija wahda legalment zbaljata u, ghalhekk, qieghda tigi michuda.

**Eccezzjoni dwar preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz jghid li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna stabbilew diversi regoli sabiex jitfghu dawl fuq dak li jipprovdi l-Kodici Civili dwar dan l-istitut.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk tigi milqugha, ikun ifisser li l-kaz ikollu jieqaf u, ghalhekk, tkun qed tittermina l-kaz. Proprju minhabba f'hekk li l-ligi, u anke l-gurisprudenza jridu li qabel xejn min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha.

Meta tkellmu dwar il-preskrizzjoni il-Qrati taghna, anke a bazi ghal dak li jipprovdi l-istess Kodici Civili, stabbilew parametri legali kif il-preskrizzjoni ghandha tigi interpretata u applikata, fosthom illi:

1. Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet ***'Stencil Pave (Malta) Limited* vs Dr Maria Deguara noe,**[6]

***'Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq';***

2. Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju.[7]

Sinjifikanti f'dan ir-rigward huwa dak li qalet **il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 1987, fil-kawza 'Causon vs Sheibani noe' illi:-**

***'Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-***

[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru 2003
[7] Holland noe vs Chetcuti, QA – 25 ta' Frar 2000

***Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le'.***

3. Il-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta min jipproponi kaz, ikun jista' jezercita dik l-azzjoni;

Dan johrog car mill-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jipprovdi li: ***'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'***

4. Huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u, ghalhekk, jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilità taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni.[8]

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Arbitru jrid jara jekk fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz irnexxilux jipprova li l-ilmentatrici skadielha z-zmien ta' hames snin minn mindu setghet tezercita din l-azzjoni.

Mill-fatti stabbiliti l-ilmentatrici ghamlet l-ewwel investiment fil-prodott LMMPF fl-2011, u dan gie *rolled over* ghal sena ohra fid-19 ta' Jannar 2012.[9] Li kieku l-Arbitru kellu jiehu din l-ahhar data ta' minn meta setghet tibda tghodd il-preskrizzjoni, il-kaz huwa kjarament mhux preskritt ghaliex l-ilment gie intavolat fis-7 ta' Dicembru 2016, u minn dak il-perjodu m'ghaddewx il-hames snin stabbiliti fl-Artikolu 2156(f). Imma l-Arbitru hu tal-fehema li f'dawn il-kazi ta' investiment finanzjarju, ilmentatur ikun jista' jezercita l-azzjoni meta jkun f'pozizzjoni li jara li l-investiment li kien ghamel ma kienx dak imwieghed jew li ma sarx skont ir-regoli hekk kif jinduna li l-prodott ikun sejjer hazin; ghaliex hadd ma jista' jiehu azzjoni qabel ghaliex il-parti l-ohra takkuzah b'intempestività u jekk l-ilmentatur jiehu passi bikrin u minghajr bazi soda, il-proceduri li jiehu jistghu jitqiesu vessatorji.

Kif ritentut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Paola Galea et vs John Cauchi et, deciza fil-31 ta' Jannar 2008,** il-perjodu minn mindu jibda jiddekorri l-perjodu biex l-attur ikun jista' jezercita l-azzjoni jiddependi mill-fatti speci ta' kull kaz.

---

[8] Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited, PA, 12/10/2004,

[9] *Purchase Contract Note* a fol 75

L-awturi **Baudry-Lacantinerie** u **Tissier (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione (para. 393 bis, pag. 306)** ighidu hekk –

***'La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale.'***

F'dan il-kaz jidher car li l-ilmentatrici saret taf li l-investiment taghha kien sfaxxa meta ghalaq fid-19 ta' Jannar 2013. Apparti dan, l-ilmentatrici kienet interrompiet il-preskrizzjoni permezz ta' ittra ufficjali fit-2 ta' Mejju 2016, u allura, hames snin minn dik id-data iwassal ghas-sena 2021.

L-ilment gie pprezentat fis-7 ta' Dicembru 2016, u jidher car li l-azzjoni mhix preskritta.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust ekwu u ragonevoli fic-cirkustanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[10]**

L-ilmentatrici bazikament tghid li l-provditur tas-servizz kien investielha s-somma ta' GBP50,000 fl-*LM Managed Performance Fund* (*LM* jew *LMMPF*). L-ahhar investiment tal-ilmentatrici fl-*LMMPF,* li immatura fit-18 ta' Jannar 2013, ma thallasx lura. L-unika pagament fuq l-investiment li sar fl-*LMMPF* ta' Jannar 2012, kienu interessi ghall-ammont ta' GBP1,470.96, ghal perjodu li ghalaq fid-19 ta' Lulju 2012, hekk kif rifless fl-*Interest Payment Advice* mahrug mill-provditur tas-servizz.[11]

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jinsisti illi minkejja l-allegazzjoni li l-ilmentatrici riedet investiment *'low risk'* kienet l-Ilmentatrici stess li ddecidiet tinvesti flusha u kienet hi li riedet imghax oghla minn dak offrut mill-banek u ghazlet li tixtri investiment izjed riskjuz. Jghid li dan l-investiment kien idoneju

[10] KAP. 555, Art 19(2)(b)
[11] Fol. 78

ghaliha u l-provditur tas-servizz mexa mar-regolamenti stabbiliti u kien wara li sar l-investiment tal-ilmentatrici li l-prodott *de quo* beda juri sinjali ta' diffikultà.

**Il-Prodott *LM Managed Performance Fund (LMMPF)***

Skont il-*Purchase Contract Note* mahruga mill-provditur tas-servizz datata 19 ta' Jannar 2011, l-ilmentatrici investit is-somma ta' GBP50,000 ghal sena, liema investiment gie mgedded jew *rolled over* ghal sena ohra hekk kif rifless fil-*Purchase Contract Note* mahruga mill-provditur tas-servizz datata 19 ta' Jannar 2012.[12]

Sa dakinhar, l-*LMMPF* kien hareg diversi dokumenti u *updates* dwar l-andament tal-investiment li kienu juru li dan il-prodott kien digà ghandu certi problemi ta' likwidità.

L-*LMMPF* huwa fond stabbilit fl-2001, li kien operat minn *Manager* regolat l-Awstralja izda l-fond ma kienx regolat. Il-fond huwa sospiz, u fi Frar 2014,[13] hargu ordnijiet biex il-fond jigi likwidat.

Il-fond seta' jinvesti f'self kummercjali[14] ghal xiri jew zviluppar ta' proprjetà fis-settur immobbiljari Awstraljan, direttament go proprjetà immobbli u flus kontanti, fost ohrajn. L-assi tal-*fund* kienu fl-Awstralja stess.[15] Il-*Manager* tal-fond kellu *mandate* ta' investiment wiesa' u bla ebda restrizzjonijiet, u seta' jiehu pozizzjonijiet jew jaghmel tranzazzjonijiet ma' partijiet relatati.

It-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* tal-*LMMPF* tghid, fost affarijiet ohra, **li investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond**. Hemm imsemmi wkoll ir-riskju li l-*Manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas konvenzjonali jekk

---

[12] Fol.76/ Punt 11 tal-affidavit tas-Sur Micallef (fol 464) u l-*Purchase Contract Note* (fol.75).

[13] http://www.asic.gov.au/about-asic/media-centre/key-matters/lm-investment-management-limited/

[14] Fuq is-self kummercjali tal-fond, li kien jikkostitwixxi l-maggoranza assoluta tal-investimenti tal-fond, hemm miktub li s-self kummercjali jinkludi firxa ta' "*secured commercial loans*" li huma disponibbli ghas-settur kummercjali ta' proprjetà u zvilupp Awstraljan. Jinkludi dikjarazzjoni wkoll li l-portafoll ta' self jinkludi "*mortgages, including second ranking mortgages over commercial, residential, retail, industrial and vacant land*".

[15] **Kemm fl-*Information Memorandum* tas-sena 2009 u dak tas-sena 2011, tinghata indikazzjoni tal-kompozizzjoni tal-assi tal-fond. Ftit aktar minn 90% tal-assi tal-fond kien f'self kummercjali. L-akbar *loan* kienet tikkostitwixxi ftit aktar minn 40% tal-fond.**

tinqala' l-opportunità kif ukoll riskji ohra bhal li l-kapital mhux garantit, fuq il-varjazzjoni tal-valur kif ukoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli, u self mahrug mill-fond.

Fir-rigward ta' min seta' jinvesti fil-fond, is-*Summary Flyer* tal-*LMMPF* jghid hekk:

***'Australian resident investors must provide required certification of wholesale/sophisticated investor status, as detailed within the current Information Memorandum. Investors who do not reside in Australia <u>do not have to certify as a wholesale/sophisticated investor</u>.'***

L-*Information Memorandum* jamplifika dak li jghid is-*Summary Flyer*. Kemm investituri fl-Awstralja kif ukoll investituri minn barra l-Awstralja setghu jinvestu fil-fond. Però, bhala kategorija ta' investituri, l-investituri fl-Awstralja kellhom ikunu "*wholesale"* jew "*sophisticated*". Din il-klassifikazzjoni ma tidhirx li kienet obbligatorja ghall-investituri li gejjin minn barra l-Awstralja peress li l-*Information Memorandum* jaghmel referenza specifika ghal "*wholesale"* u *"sophisticated investors"* f'kaz ta' "*Australian resident investors*" biss. Dan il-punt huwa msahhah izjed meta wiehed jikkonsidra l-i*statement* maghmul f'dan ir-rigward fis-*Summary Flyer*.

Sa mis-sena 2009, dan il-prodott beda jkollu l-inkwiet. Tant li fil-verzjoni tal-*Information Memorandum* ta' Novembru 2009, taht it-Taqsima "*Withdrawal Notice Period"* (pg. 11) jintqal kif gej: ***'To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager.'***

Fil-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010, **qabel ma nbiegh l-ewwel investiment fl-*LMMPF*** lill-ilmentatrici, kien hemm aggornament fir-rigward tal-andament tal-portafoll tal-assi tal-fond, kif ukoll anke fil-*withdrawal timeframes*.

F'dan l-*update* hemm paragrafu taht it-titlu "*Updated Withdrawal Information*". Hawnhekk, l-investitur qed jigi infurmat li jista' jaghti l-kaz li minn zmien ghal zmien, jista' jkun necessarju li jigu estizi t-*timeframes* ghal hrug ta' pagamenti ghal gbid jew sospensjoni ta' pagamenti ghal gbid.

a. Dan il-mekkanizmu jidhol fis-sehh '*...to realise cash from the fund's property related assets, which by their nature are not immediately liquid ...*'. Il-paragrafu jkompli hekk: '*The need to implement this measure to protect the*

*fund arose for the first time last year, as per the Information Memorandum. Timeframes for withdrawal payments are currently slower than general, due to market conditions brought on by the global financial crisis. Liquidity conditions are improving in the market place and payment timeframes will return to normal as soon as possible.'*

b. Dan id-dettal (jigifieri li l-fond jista' jissospendi il-hlasijiet) kien digà jissemma' fl-*Information Memorandum* datat **25 ta' Novembru 2009.**[16]

c. Taht it-taqsima *Fund Assets*, jinghata taghrif dwar l-andament tal-assi tal-fond. Jintqal li tliet *commercial loans* mill-portafoll tal-assi tal-fond gew klassifikati bhala *in default*. Dawn jirrapprezentaw madwar 16% tal-assi tal-fond izda huwa mistenni li jsir irkupru shih ta' dan id-dejn.

Wiehed irid dejjem joqghod attent meta jiddiskuti u janalizza prodott wara li jkun falla. Dan ghaliex huwa facli li tghid l-affarijiet *with the benefit of hindsight*.

L-*LMMPF* izda kien fond ta' proprjetà fejn kien juza strutturi ta' *loans*. Anke jekk wiehed, ghal mument, jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta' kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-Awstralja), hemm l-aspett li dan il-fond kien wiehed partikolari fil-forma ta' *property loan fund***.** L-assi tal-*LMMPF* kienu mqassmin hekk f'Lulju 2010: 90.64% f'self kummercjali, 2.32% direttament fi proprjetà u 7.04% f'kontanti.

**Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettal tar-riskji kollha assocjati ma' dawn it-tipi ta' fondi, ir-riskju ta' likwidità u potenzjal ta' *default* fuq is-self huma aspetti prevalenti hafna**.

Aspetti bhal dawn kellhom jinghataw certu priorità u kunsiderazzjoni ragonevoli fl-assessjar tal-prodott mill-provditur tas-servizz fejn wiehed jistenna li l-provditur tas-servizz ikun dahal f'certu approfondiment tal-fatturi msemmija fl-assessjar tal-prodott biex ikun jista' jaghmel analizi ahjar u kompluta fuq il-prodott li ha jbiegh lill-investitur.

Il-fatt li fir-rigward ghall-investituri Awstraljani kien hemm obbligi u certifikazzjoni ta' eligibilità oneruza huwa wkoll minnu innifsu indikazzjoni li dan

[16] (https://promo-manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf)

kien fond partikolari, meta wiehed ukoll jikkonsidra li dan kien fond ibbazat l-Awstralja, immanigjat minn entità bbazata fl-Awstralja u li ma kienx regolat mill-Awtorità Finanzjarja tal-Awstralja, l-*ASIC*.

Fir-rigward ta' investituri Awstraljani, il-kriterji ta' eligibilità oneruzi li gew applikati kienu, tista' tghid, mizura ta' protezzjoni ghall-investituri Awstraljani (li tidher li tohrog mill-qafas legali Awstraljan innifsu), fejn mhux kull tip ta' investitur seta' jinvesti, izda dawk biss li kienu jissodisfaw dawk il-kriterji oneruzi. Kriterji, li skont l-*Information Memorandum* u *s-Summary Flyer* imsemmija hawn fuq, ma kienux rikjesti fir-rigward ta' investituri barra l-Awstralja fejn il-fond sar prattikament accessibbli ghal firxa hafna izjed wiesgha ta' investituri.

**Dan kellu jghabbi b'aktar responsabbiltà lill-provdituri tas-servizzi lokali u mhux biss joqghodu fuq accertazzjonijiet ta' min kellu interess li jbiegh il-prodott barra l-Awstralja.**

Il-fond kien wiehed u mhux maqsum fi tnejn, parti ghall-investituri Awstraljani, u iehor ghall-investituri barra l-Awstralja. **L-istess fond kien offrut lil kulhadd** izda b'distinzjonijiet differenti ta' min hu eligibbli li jinvesti skont jekk l-investituri humiex Awstraljani jew le.

Mela jekk ghall-investituri Awstraljani l-obbligi kienu oneruzi, wiehed ragonevolment jistenna li l-provditur tas-servizz lokali kellu jiehu dan il-fattur partikolari izjed in konsiderazzjoni. Fl-analizi tieghu dwar il-prodott u lil min kellu joffrih, kellu jzomm quddiem ghajnejh il-kriterji ta' eligibilità gholja ghall-investituri gewwa l-Awstralja, biex investitur barra l-Awstralja jigi ittrattat kemm jista' jkun b'mod ekwu u offrut l-istess, jew livell simili, ta' protezzjoni applikat fir-rigward tal-investituri Awstraljani.

Dan il-prodott huwa meqjus bhala prodott kumpless. L-*LMMPF* huwa tat-tip *non-UCITS.* Skont ir-regoli tal-*MiFID*, (kif anki riflessi fir-Regoli mahruga mill-*MFSA, PART B* tal-*Investment Services Rules for Investment Services Providers),*[17] biex prodott jigi kkunsidrat bhala mhux ta' natura kumplessa kellu jilhaq erba' principji f'daqqa, kriterju li mhux milhuq mill-prodott in kwistjoni. Il-prodott kellu riskji diversi li jaghmluh prodott ta' riskju gholi kif digà spjegat aktar 'il fuq.

---

[17] Li kienu japplikaw meta nbiegh il-prodott in kwistjoni.

Fuq kollox, mill-*updates* li kienu digà hargu, kemm fl-2009 kif ukoll fl-2010, kien jidher car li *LMMPF* kellu problemi serji, u li kieku saret *due diligence* adekwata mill-provditur tas-servizz, kellu jirrizulta li ma kellux ibiegh dan il-prodott specjalment lill-investituri *retail* kif kienet l-ilmentatrici bil-profil u c-cirkostanzi partikolari taghha.

**Aspetti ohra**

Hemm diversi fatturi ohra li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fl-analizi ta' dan l-ilment. Fost dawn hemm li l-*Experienced Investor Declaration Form* datata 12 ta' Jannar 2011,[18] maghmula u mahruga mill-provditur tas-servizz, liema formola intuzat mill-provditur tas-servizz biex jikkonsidra l-eligibilità tal-ilmentatrici ghall-investiment in kwistjoni, minhabba n-natura partikolari tieghu, hija formola li tixbah dikjarazzjoni applikabbli ghal Investituri b'Esperjenza taht ir-regim ta' Fondi Ghal Investituri Professjonali (*PIFs*) mahrug mill-*MFSA*.

Din il-formola ta' dikjarazzjoni m'hijiex wahda adekwata u sufficjenti fl-isfond tal-*LMPPF* biex taghmel investitur eligibbli jew jikkwalifika ghal prodott jew li minnha nnifisha taghmel il-prodott xieraq ghal min jiffirma din id-dikjarazzjoni ghaliex:

i. Ma gewx ipprovduti provi konvincenti li jikkonfermaw li l-ilmentatrici kellha dik l-esperjenza necessarja relevanti ghall-prodott in kwistjoni kif imsemmi f'din id-dikjarazzjoni hekk kif ser jigi deskritt izjed fid-dettal hawn taht;

ii. Id-dikjarazzjoni ta' Investitur b'Esperjenza ffirmata mill-ilmentatrici hija wahda bbazata fuq ir-regim ta' Fondi Ghal Investituri Professjonali (*PIFs*), regim li huwa mahrug mill-*MFSA* u applikabbli biss ghal fondi lokali strutturati u llicenzjati specifikament hawn Malta.

Peress li l-*LMMPF* mhuwiex fond illicenzjat hawn Malta jew li jaqa' taht ir-regim tal-*PIFs,* l-*LMMPF* ma kienx prodott suggett ghall-istess kriterji, kundizzjonijiet u salvagwardji mfassla fil-qafas regolatorju applikabbli ghal fond immirat ghal

[18] Fol. 459

Investitur b'Esperjenza taht ir-regim tal-*PIFs*. Allura, wiehed ma jistax jibbaza l-investiment fuq dikjarazzjoni simili ghal dik applikabli ghall-Fondi Ghal Investituri Professjonali *(PIFs).* Ma setghetx tintuza fil-kuntest tal-*LMPPF* biex jigi determinat jekk investitur huwiex wiehed ta' esperjenza jew le ghal skop ta' investiment f'dan il-prodott.

Ma tistax tigi kkunsidrata la adekwata u lanqas sufficjenti jew li taghti komfort bizzejjed biex isir l-investiment ghaliex wiehed mhux qieghed iqabbel l-istess tip ta' prodott u jiehu in konsiderazzjoni il-kriterji kollha relevanti biex jiddetermina b'mod ragonevoli l-eligibilità ta' investitur u jekk il-prodott in kwistjoni, bil-partikolaritajiet kollha tieghu, huwiex wiehed addattat ghall-profil tal-investitur.

Barra minn hekk, certu dikjarazzjonijiet maghmula fl-*Experienced Investor Declaration*, li intuzat mill-provditur tas-servizz bhala parti mill-*Appropriateness Test*, ma kienux minnhom u ma kienux jirriflettu s-sitwazzjoni tal-ilmentatrici.

B'mod partikolari hemm id-dikjarazzjoni li tikkonferma li l-ilmentatrici '*has reasonable experience in the acquisition and/or disposal of funds of a similar nature or risk profile, or property of the same kind as the property, or a substantial part of the property, to which the Professional Investor Fund in question relates*', kif wkoll li l-ilmentatrici '*has carried out investment transactions in significant size at a certain frequency (for example a person who within the past two years carried out transactions amounting to at least Eur50,000 at an average frequency of 3 per quarter)*'.[19] Dawn id-dikjarazzjonijiet ma kienux jirriflettu u kompattibli mal-informazzjoni riflessa fil-*Client Profile Appropriateness Testing Form* tal-provditur tas-servizz stess datata 12 ta' Lulju 2010, peress li m'hemm l-ebda informazzjoni f'dan id-dokument.

Il-provditur tas-servizz lanqas ma pprovda xi spjegazzjonijiet jew dokumenti ohra li jaghtu xi komfort jew indikazzjoni sufficjenti li l-ilmentatrici kellha esperjenza ragonevoli fl-akkwist u l-bejgh ta' fondi ta' natura simili jew profil ta' riskju, jew assi tal-istess tip jew parti sostanzjali tal-assi tal-fond *LMMPF*, peress li l-unika investimenti li gew indikati, fil-*Client Profile Appropriateness Testing Form,* li kellha l-ilmentatrici kienu biss fil-*Barclays Sterling Bond Fund.* Dan il-fond m'huwiex tal-istess natura tal-*LMMPF* peress li l-assi li kienu jinvestu fihom dawn il-fondi ma kienux komparabbli anzi totalment differenti. Fuq naha ghandek il-

[19] Fol. 459

*Barclays Sterling Bond Fund,* li kien jinvesti f'*bonds,* filwaqt li l-*LMMPF* kien espost ghal proprjetà u kellu l-assi tieghu primarjament f'self kummercjali kif wkoll xi assi diretti go proprjetà kif imsemmi fis-sezzjoni tal-analizi tal-prodott f'din id-decizjoni. Ukoll, lanqas ma jirrifletti l-istess profil ta' riskju (fejn l-*LMMPF* kellu riskju gholi, hekk kif ikkonfermat f'pagna tlieta tal-affidavit ta' ufficjal tal-provditur tas-servizz), u kien immirat ghal profil ta' investitur differenti mill-*Barclays Sterling Bond Fund*. Tant, li l-provditur tas-servizz talab dikjarazzjoni ta' *Experienced Investor* fir-rigward tal-investiment *LMMPF*.

In-nota li ghamel il-provditur tas-servizz stess fin-Noti Addizzjonali ghal sezzjoni 2.3 tal-*Client Profile Appropriateness Testing Form* li tghid *'locally client holds schemes through BOV',* la kienet b'xi mod riflessa fil-*Client Profile Appropriateness Testing Form*, (li kien jirreferi biss ghal *Barclays Sterling Bond Fund*), u lanqas ma gie spjegat b'mod adekwat ghal liema prodotti ohra kien qed jigi irriferut waqt is-smigh ta' dan l-Ilment.

Lanqas m'hemm indikat fil-*Client Profile Appropriateness Testing Form*, jew xi dokumenti u informazzjoni ohra, li l-ilmentatrici ghamlet tranzazzjonijiet ta' investiment sinjifikanti u b'certu frekwenza kif gie dikjarat fl-*Experienced Investor Declaration,* cioè, li persuna ghamlet fl-ahhar sentejn tranzazzjonijiet li jammontaw ghall-anqas €50,000 bi frekwenza medja ta' tlieta kull tliet xhur, hekk kif gie indikat fl-istess dokument.

Dan meta wiehed iqis ukoll li l-unika investimenti sinjifikanti **qabel l-investiment fl-*LMMPF*** li gew indikati li ghamlet l-ilmentatrici kienu biss dawk li saru fil-*Barclays Sterling Bond Fund* fis-sena 1998, jigifieri tlettax-il sena qabel l-investiment fl-*LMMPF*. U, wara l-bejgh ta' dan l-investiment fl-2010, investiment iehor ta' GBP50,000, fl-*ARM Assured Income Plan* f'Lulju 2010, liema investiment gie rifondut ftit xhur wara minhabba d-diffikultajiet fuq dan il-prodott.

Il-provditur tas-servizz ma pprovdiex spejgazzjoni jew evidenza li kien hemm bazi ragenovoli u soda fuq xhiex ghamel id-dikjarazzjoni li '*I have satisfied myself that the investor has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved*', dikjarazzjoni ohra riflessa fl-*Experienced Investor Declaration* datata 12 ta' Jannar 2011.

Dan ma jregix meta hekk kif indikat fil-*Client Profile Appropriateness Testing Form* datata 12 ta' Lulju 2010, l-ilmentatrici hija ikklassifikata bhala *RetailClient*,

mara tad-dar separata ta' 63 sena, b'introjtu annwali ta' bejn Eur0 - Eur10,000, b'depoziti mal-BOV ta' bejn Eur0 - Eur10,000 u bl-esperjenza fl-investimenti tinvolvi biss '*Direct Bonds &/or Bond Funds*'.

Anke l-investiment li kien sar fl-*ARM Assured Income Plan*, kien investiment li wkoll kien ta' natura differenti, u li ma jistax jittiehed bhala bazi fuq xhiex l-ilmentatrici tigi kkunsidrata li ghandha l-esperjenza necessarja u ragonevoli ghall-investiment in kwistjoni.

Irid jitqies ukoll li l-ilmentatrici kellha livell ta' edukazzjoni baziku. Il-provditur tas-servizz nizzel informazzjoni skorretta fil-*Client Profile Appropriateness Testing Form* fejn gie indikat li l-ilmentatrici ghandha livell ta' edukazzjoni terzjarja meta ma kienx il-kaz.[20] Il-livell edukattiv taghha kien wiehed sekondarju u kellha biss xi *Ordinary Levels* hekk kif ikkonfermat fl-affidavit taghha tat-30 ta' Novembru 2016.

Mix-xhieda tal-ilmentatrici wkoll ma johorgux xi indikazzjonijiet li l-ilmentatrici ghandha, jew seta' kellha, gharfien dwar investimenti kumplessi u riskji gholja bhal dak assocjat mal-*LMMPF*. Il-fatt li persuna tapprezza li investiment jista' jitla' kif wkoll jinzel ma jfissirx li taghmilha persuna li ghandha l-gharfien necessarju li tifhem ir-riskji involuti ma' prodotti partikolari bhal-*LMMPF*, kif jidher li qed jigi ssuggerit fl-affidavit tal-ufficjal tal-provditur tas-servizz.[21]

Dan huwa wkoll ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.[22]

Wiehed ragonevolment jistenna li provditur tas-servizz jaghmel l-approfondiment necessarju u analizi dettaljata u adekwata fuq il-profil ta' investitur u dan, fl-ahhar mill-ahhar, biex ikun qieghed jagixxi ghall-ahjar interess tal-investitur hekk kif rikjest mir-Regoli ta' Investiment ghall-*Licence Holders* bhall-provditur tas-servizz odjern.[23]

Ghar-ragunijiet imsemmija, il-provditur tas-servizz ma gabx spjegazzjoni konvincenti u dokumentazzjoni cara u sufficjenti li tipprovdi bazi ragonevoli fuq xhiex it-tranzazzjonijiet fl-*LMMPF* kienu meqjusa mill-provditur tas-servizz bhala xierqa jew addattati ghall-ilmentatrici bhala parti mill-'*appropriateness*

[20] Fol. 484.
[21] Fol. 464 Punt 12 u 13 tal-affidavit
[22] Evelyn Farrugia et vs *GlobalCapital Financial Management Ltd.,* 11/07/2016
[23] *Investment Services Rules-Standard Licence Conditions (SLC)* 2.01

*assessment*' li l-provditur tas-servizz kien, skont il-qafas regolatorju applikabbli, soggett li jaghmel hekk kif stipulat fir-regoli tal-*Part BI* tal-*Investment Services Rules for Investment Services Providers*.

Il-bazi ta' kif il-provditur tas-servizz wasal ghall-konkluzjonijiet fuq l-*appropriateness assessment* iddikjarati fil-*File Note* u *Purchase Order Form* datati 12 ta' Jannar 2011, mhix konvincenti u lanqas ma giet riflessa b'mod adekwat fl-informazzjoni ipprezentata u d-dokumenti li nzammu mill-provditur tas-servizz.

Apparti l-ezempji li digà issemmew, minkejja r-risposta pozittiva ghall-mistoqsija '*Has the client provided information with respect to his investment objectives, planning and risk attitude to enable the license holder to determine the client's knowledge and experience in the investment field?',* immarkata mill-provditur tas-servizz stess fid-dokumenti msemmija, ma giet ipprezentata l-ebda dokumentazzjoni fejn kienet imnizzla x'kienet l-attitudni ta' riskju, l-oggettivi u l-ippjanar tal-klijent kif referut f'din l-istess mistoqsija. Dettal ta' dan la kien inkluz fil-*File Notes* jew fil-*Client Profile Appropriateness Testing document,* jew xi noti addizzjonali maghhom, u lanqas f'xi dokument iehor li seta' gie ipprezentat mill-provditur tas-servizz.

Jidher bl-aktar mod car li l-ilmentatrici ma kellhiex tikkwalifika biex tinvesti f'dan il-prodott ghaliex, kif gie spjegat, minkejja li ttiehdet l-*Experienced Declaration Form*, din ma kienetx idoneja ghal dan il-prodott (li m'huwiex prodott lokali) u l-kontenut taghha ma jirriflettix il-fatti li hargu waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.

Din il-formola ttiehdet biss bhala mod ta' ezoneru ghall-prodvitur tas-servizz b'informazzjoni skorretta, u l-fatt li l-ilmentatrici giet mitluba tiffirma dan id-dokument ma jaghmilhiex eligibbli biex tinvesti f'dan il-prodott.

Kif qalet sew il-Prim'Awla tal-Qorti Civili,[24] il-firma ta' persuna fuq dokument f'kuntratti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji m'ghandhiex timmilita kontra l-investitur meta dan ma kienx konsapevoli tal-kontenut taghhom.

L-Arbitru jaccenna li f'dan il-qasam hemm zlivell negozjali kbir fejn fuq naha ghandek espert fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u, hafna drabi bhal f'dan il-kaz,

[24] Evelyn Farrugia et vs *GlobalCapital Financial Management Ltd.,* 11/07/2016

ikollok konsumaturi bi ftit jew xejn gharfien tar-riskji tal-investiment li jkunu ser jaghmlu.

Ghalhekk fir-regoli tal-*MFSA*, li hargu taht il-KAP. 370 tal-Ligijiet ta' Malta, li kienu vigenti meta sar dan l-investiment, il-provditur tas-servizz gie marbut b'piz li jara li jaghmel indagni korretta tal-investitur billi jaghmel jew *Suitability Test* jew *Appropriateness Test* biex jigi identifikat jekk dak l-investitur ghandux jinvesti f'dak il-prodott partikolari.

L-*Appropriateness Test* li sar f'dan il-kaz kien skorrett kif digà gie spjegat u kieku sar *Appropriateness Test* bil-galbu u b'mod onest, kellu jirrizulta li l-ilmentatrici ma kienetx idoneja biex tinvesti fl-*LMMPF,* li min-natura tieghu u bil-problemi li digà kellu qabel ma l-ilmentatrici giet offruta dan il-prodott, ma kellux jigi offrut lil *retail client* li m'hijiex midhla ta' investiment ta' din ix-xorta.

L-Arbitru jqis ukoll li l-ilmentatrici kienet tat il-fiducja taghha lill-provditur tas-servizz u kienet tezisti relazzjoni fiducjarja bejn il-partijiet. F'dan ir-rigward, il-provditur tas-servizz ma agixxiex ta' missier tajjeb tal-familja billi ma ghamilx id-*due diligence* tal-prodott b'mod tajjeb u billi ha firem tal-ilmentatrici fuq dokumenti li ma gewx spjegati lilha u lanqas setghet tifhem l-import taghhom. Ukoll billi investielha flusha fi prodott li ma kienx kompatibbli mal-livell ta' riskju li riedet tiehu.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li sehh *investment misselling.* Il-prassi kostanti anke f'gurisdizzjonijiet ohra hi li meta jsehh *investment misselling,* l-investitur ghandu kemm jista' jkun jitpogga fil-qaghda li kien fiha qabel ma ghamel l-investiment u, ghalhekk, ghandu jinghata lura l-valur tal-kapital investit.

Ghall-motivi u ragunijiet kollha msemmija f'din id-decizjoni, l-Arbitru jikkonkludi li l-ilment huwa wiehed ekwu, gust u ragonevoli u ghandu jigi milqugh sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, jordna lil *MFSP Financial Management Limited* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' hamsin elf Liri Sterlini (GBP 50,000), jew l-ekwivalenti taghhom fl-Ewro.

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez legali ta' dan il-kaz ghandhom jithallsu mill-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji